32004R1615

17.9.2004 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 294/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1615/2004

tat-13 ta' Settembru 2004

li jtemm il-proċedimenti *anti-dumping* fir-rigward ta' l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti flat-rolled tal-ħadid jew ta' l-azzar mhux illigat, b'wisa' ta' 600 mm jew iżjed, mhux plakkati, indurati jew miksija, f'kojls, mhux maħdumin iktar milli hot-rolled, li joriġinaw fl-Indja, fit-Tajwan, u fis-Serbja u l-Montenegro

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea[1] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(5) tiegħu,

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 963/2002 tat-3 ta' Ġunju ta' l-2002 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet transitorji illi jikkonċernaw anti-dumping u miżuri kontra s-sussidji adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2277/96/KEFA u Nru 1889/98/KEFA kif ukoll investigazzjonijiet, ilmenti u applikazzjonijiet pendenti ta' anti-dumping u ta' kontra s-sussidji, skond dawk id-Deċiżjonijiet[1],

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. Bażi legali

(1) It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (it-Trattat KEFA) skada fit-23 ta' Lulju 2002. Il-prodotti, li qabel kienu koperti bit-Trattat KEFA, huma soġġetti għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea mill-24 ta' Lulju 2002. B'konformità mar-Regolament (KE) Nru 963/2002, l-investigazzjonijiet pendenti kollha ta' *anti-dumping* sa dik id-data huma issa rregolati mir-Regolament Bażiku.

2. Miżuri fis-seħħ

(2) Fi Frar ta' l-2000, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 283/2000/KEFA[2], il-Kummissjoni imponiet dazji definittivi anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti flat-rolled tal-ħadid jew ta' l-azzar mhux illigat, b'wisa' ta' 600 mm jew iżjed, mhux plakkati, indurati jew miksija f'kojls, mhux maħdumin iktar milli hot-rolled (minn hawn 'il quddiem imsejħa "kojls hot-rolled"), li joriġinaw fil-Bulgarija, l-Indja, it-Tajwan, l-Afrika t'Isfel u s-Serbja u l-Montenegro.

---

[1] ĠU L 149, 7.6.2002, p. 3. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1310/2002 (ĠU L 192, 20.7.2002, p. 9).

[2] ĠU L 31, 5.2.2000, p. 15. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 778/2003 (ĠU L 114, 8.5.2003, p. 1).

3. It-tmiem tal-proċedimenti

(3) Skond l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 2277/96/KEFA[1] (Deċiżjoni KEFA), fl-20 ta' Diċembru 2001, il-Kummissjoni ħabbret permezz ta' nota ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*[2] il-bidu ta' proċedimenti *anti-dumping* fir-rigward ta' l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' kojls *hot-rolled* li joriġinaw fl-Eġittu, l-Ungerija, l-Iran, il-Libja, is-Slovakkja u t-Turkija.

(4) Skond l-Artikolu 11(3) tad-Deċiżjoni KEFA, fl-20 ta' Diċembru 2001, il-Kummissjoni ħabbret permezz ta' nota ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*[3], il-bidu ta' reviżjoni tad-dazji definittivi ta' anti-dumping u l-impenji imposti mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 283/2000/KEFA kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 1043/2002/KEFA[4] dwar l-importazzjonijiet ta' kojls hot-rolled li joriġinaw fil-Bulgarija u fl-Afrika t'Isfel.

---

1 ĠU L 308, 29.11.1996, p. 11. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 435/2001/KEFA (ĠU L 63, 3.3.2001, p. 14).

2 ĠU C 364, 20.12.2001, p. 5.

3 ĠU C 364, 20.12.2001, p. 8.

4 ĠU L 157, 15.6.2002, p. 45.

(5)

(6) Il-Kummissjoni, wara investigazzjoni, ipproponiet li l-Kunsill jimponi miżuri definittivi ta' anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' kojls hot-rolled li joriġinaw fl-Eġittu, fis-Slovakkja u fit-Turkija. Madankollu, il-Kunsill m'adottax il-proposta fiż-żmien stipulat mir-Regolament Bażiku. B'riżultat ta' dan, ma ġewx imposti miżuri definittivi fuq l-importazzjonijiet mill-Eġittu, is-Slovakkja u t-Turkija.

(7) Huwa prinċipju fundamentali ġenerali tal-liġi Komunitarja li sitwazzjonijiet simili jiġu trattati b'mod mhux diskriminatorju. Dan il-prinċipju huwa rifless fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament Bażiku, li jipprevedi li d-dazji anti-dumping għandhom jiġu imposti fuq bażi mhux diskriminatorja fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti mis-sorsi kollha misjuba li kienu l-oġġett ta' *dumping* u li qegħdin jikkawżaw il-ħsara.

(8) Għaldaqstant, ġie konkluż li, fin-nuqqas ta' miżuri fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Eġittu, is-Slovakkja u t-Turkija, l-impożizzjoni ta' kwalunkwe miżura fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Bulgarija u l-Afrika t'Isfel b'riżultat tar-reviżjoni msemmija fir-raba' premessa kienu jkunu diskriminatorji għal dawn iż-żewġ pajjiżi.

(9) Bir-Regolament (KE) Nru 1616/2004[1], il-Kunsill għaldaqstant temm ir-reviżjoni msemmija fir-raba' premessa mingħajr ma impona xi miżuri fuq l-importazzjonijiet ta' kojls *hot-rolled* li joriġinaw mill-Bulgarija u l-Afrika t'Isfel.

---

[1] Ara paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(10) Id-Deċiżjoni 283/2000/KEFA imponiet dazji definittivi anti-dumping fuq il-kojls hot-rolled ukoll li joriġinaw fl-Indja, it-Tajwan u s-Serbja u l-Montenegro.

(11) Sabiex ikun żgurat approċċ koerenti u jiġi rrispettat il-prinċipju msemmi hawn fuq tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni kif rifless fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament Bażiku, huwa għaldaqstant meħtieġ li jintemmu l-proċedimenti eżistenti ta' anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' kojls hot-rolled li joriġinaw fit-Tajwan, l-Indja u s-Serbja u l-Montenegro.

(12) L-investigazzjoni fir-rigward ta', *inter alia*, l-Eġittu, is-Slovakkja u t-Turkija kellha tintemm fl-20 ta' Marzu 2003, jew bl-impożizzjoni tal-miżuri jew bil-waqfien mill-proċeduri. Minħabba li l-istess trattament għandu japplika għall-importazzjonijiet li joriġinaw fit-Tajwan, is-Serbja u l-Montenegro, u l-Indja, il-proċedimenti anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-kojls hot-rolled li joriġinaw f'dawn it-tliet pajjiżi għandhom jintemmu b'effett retroattiv sa mill-20 ta' Marzu 2003,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-proċedimenti *anti-dumping* fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' ċerti prodotti flat-rolled tal-ħadid jew ta' l-azzar mhux illigat, b'wisa' ta' 600 mm jew iżjed, mhux plakkati, indurati jew miksija, f'kojls, mhux maħdumin iktar milli hot-rolled li joriġinaw fl-Indja, fit-Tajwan, u fis-Serbja u l-Montenegro, huma b'dan mitmuma.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-20 ta' Marzu 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13 ta' Settembru 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

B. R. BOT